**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Miguel Muscat**

Numru: 19/2014

Illum is-sebgha (7) ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Miguel Muscat**, ta' dsatax (19)-il sena, bin Stephen u Doris neé Portelli, imwieled Rabat, Ghawdex nhar id-29 ta' Dicembru 1994, residenti fil-fond 'Promised Land', Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 14495(G), akkuzat talli nhar id-9 ta' Frar 2014 u fix-xhur ta' qabel minn gewwa l-kumpless 'Arkadia Shopping Complex' b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. ikkommetta serq ta' flus kontanti u oggetti ohra, li l-valur taghhom jaqbez l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Shirley

Grixti u/jew Amministrazzjoni ta' Arkadia Shopping Complex, liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-hin u l-valur;

2. nhar it-13 ta' Frar 2014 u fi xhur ta' qabel kellu fil-pussess jew fi kwalunkwe proprjeta' taht il-kontroll tieghu arma li taqa' taht Skeda III tal-Kapitolu 480 minghajr ma' saret dikjarazzjoni lill-Kummissarju dwar il-pussess jew intenzjoni ta' uzu (Skeda III, Artikolu 5, Kapitolu 480).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 77) datata 17 ta' Dicembru 2014 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 261(c), (d) u (f), 267, 268, 270, 279(b), 280(1) u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 35(3), 51 u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 17, 31 u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-7 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 79), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-17 ta' Dicembru 2014, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-parti leza.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri (*a fol.* 80).

Semghet lix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2015, is-sottomissjonijiet finali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' April 2014, xehdet **Shirley Grixti** (*Human Resources Manager* fi hdan 'Arkadia Marketing Limited' – *a fol.* 44 *et seq.*) fejn spjegat li fil-kaz odjern intlahaq arrangament mal-imputat fis-sens li l-imputat hallashom lura kull haga li kellu jhallasahom u kollox huwa saldat. Tghid li mhijiex ix-xewqa tas-socjeta' rapprezentata minnha li jitkomplew il-proceduri odjerni u b'hekk ghan-nom tas-socjeta' in kwistjoni rrinunzjat ghal dak li huwa rinunzjabbli.

**Shirley Grixti** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 86 *et seq.*) fejn xehdet li s-socjeta' rapprezentata minnha thallset is-somma ta' erbat'elef Euro (€4,000) minn ghand l-imputat. Tghid li bl-amment ma tafx meta sar dan il-hlas. Tghid li dan il-hlas *da parte* tal-imputat sar minhabba li l-imputat kien ha xi affarijiet mill-Arkadia Home Floor, fir-Rabat, Ghawdex.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2014, xehed **PS 715 Lucian Gatt** (*a fol.* 53 *et seq.*) fejn ikkonferma rapport li kien hejja hu fir-rigward tal-kaz odjern, liema rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "LG 1" (*a fol.* 55 *et seq.*)[1]. Jghid li ghamel tfittxija fir-residenza tal-imputat.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2014, xehed **PC 870 Ruben Farrugia** (*a fol.* 66 *et seq.*) fejn spjega li kien ghamel tfittxija flimkien ma' PS 715 Lucian Gatt fir-residenza tal-imputat fejn fil-kamra tas-sodda tieghu ghand il-mamà tieghu nstabu tlitt *envelopes* li fihom kien hemm elf Euro (€1,000), elfejn u hames mitt Euro (€2,500), u seba' mija u tmenin Euro (€780). Jghid li nstabu wkoll *portable speaker*, *cable charger*, tlett PC *games*, *air pistol* u six *millimetre bullets*.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2014, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Bernard Charles Spiteri** (*a fol.* 73 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu wara li Shirley Grixti ghan-nom tas-socjeta' Arkadia rraportat li l-imputat, li kien jahdem mas-socjeta' imsemmija, kien ikkommetta serq ta' xi oggetti. Jghid li

[1] Dawn huwa l-istess bhala Dok. "BS 3" (*a fol.* 8 *et seq.*).

Grixti qalet li l-imputat kien seraq xi flus mill-*cash register* fis-sens li l-imputat ma kienx jippancja l-bejgh li kien isir minnu u minflok kien jiehu l-flus hu. Jghid li mentri Grixti kienet qalet li l-ammont misruq kien dak ta' €8,398, l-imputat ammetta li l-flus li kien ha kienu jammontaw ghal €800. Jghid li saret tfittxija fid-dar tal-imputat u li PS 715 Lucian Gatt eleva s-segwenti: tlitt *envelopes* li fihom kien hemm elf Euro (€1,000), elf u hames mitt Euro (€1,500), u seba' mija u tmenin Euro (€780). Jghid ukoll x'kienu l-oggetti li gew elevati mill-istess residenza.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ma kienx prezenti meta saret it-tfittxija in kwistjoni. Ghad-domanda: *"Ara tikkonfermax ukoll illi dawk il-flus li intom sibtu kienu ghadhom kemm gejjin mill-flus tal-Milied ftit gimghat qabel u anke peress li kellu l-birthday. U qalilkom b'dan, ghax ghandu l-birthday u l-festa tal-Milied jigu qrib xulxin"* (*a fol.* 75), wiegeb: *"Hu semma iva li ddubahom fil-birthday jew fil-Milied imma jien jekk kien iddubahom, jiena ma nafx, jiena ma kontx f'pozizzjoni li nikkonferma meta dawn gew fil-pussess tieghu"* (*a fol.* 75). Jghid li fl-istqarrija l-imputat kien qal li huwa ma jhobbx izomm flus il-bank u li, jekk mhux sejjer zball, kien qalilhom li kien bi hsiebu jixtri vettura u kienet dik ir-raguni ghala kellu dak l-ammont id-dar, u dana apparti l-ammont li kien ha, kif ammetta fl-istqarrija.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2015, xehdet **WPC 193 Diane Cilia** (*a fol.* 81) fejn qalet li fid-9 ta' Frar 2014 l-imputat ma kellu ebda licenzja u armi registrati fuq ismu. Ezebiet dokument in sostenn ta' dan li gie mmarkat bhala Dok. "DC 1" (*a fol.* 82 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2015, xehdet **Doreen Muscat** (*a fol.* 94 *et seq.*) fejn bdiet billi qalet li hija omm l-imputat li twieled fid-29 ta' Dicembru 1994. Tghid li meta l-imputat ikollu l-*birthday* ghandhom l-uzanza li bhala rigal jaghtuh flus. Tghid li f'Dicembru 2013 hi u zewgha taw lill-imputat bhala rigal l-ammont ta' elfejn Euro (€2000). Tghid li ghamlu hekk peress li l-imputat beda jgemma biex jixtri karrozza. Tixhed li anke l-qraba tal-imputat lill-imputat jaghtuh flus bhala rigal. Tghid li l-flus li l-imputat jaqla' izommhom fil-kamra tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-ewwel stqarrija (Dok. "BS 4" – *a fol.* 12 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur Spiteri, liema stqarrija giet rilaxxata fit-13 ta' Frar 2014 wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u ma hax dan id-dritt, l-imputat ammetta li huwa kien izomm flus li kien jircievi minn ghand ix-xerrejja liema flus kienu jinghtaw lilu ghall-oggetti li jbiegh hu stess. Ikkonferma li kien jonqos milli jippancja l-oggett halli mbaghad izomm il-flus kollha hu. Jichad li ha l-ammont ta' €8,398. Fl-istqarrija spjega x'affarijiet kien ha u kemm ha flus. Jghid li bhala flus jikkalkula li ha bejn €600 u €700.

Illi, fit-tieni stqarrija (Dok. "BS 5" – *a fol.* 14 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur Spiteri, liema stqarrija giet rilaxxata fl-14 ta' Frar 2014 wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u ma hax dan id-dritt, l-imputat spjega x'kien jaghmel meta kien imur xi had biex ihallsu ta' oggett li jkun xtara minn ghandu. Jghid li kien jiehu skond kemm ikun jiswa l-oggett. Gie mistoqsi rigward l-affarijiet u l-flus li gew elevati mill-kamra tieghu tad-dar fejn joqghod. Mistoqsi dwar l-ammont ta' €4,280 li nstabu fil-kamra tieghu jghid li dawn huma l-maggor parti tieghu peress li kienu rigali ghalih mill-qraba tieghu ghal meta jkun ghalaq il-*birthday* jew ghal Milied. Jghid li anke ghal festa jigi moghti flus bhala rigal. Jghid li meta seraq, seraq minhabba tentazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'zewg imputazzjonijiet: taht l-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li kkommetta r-reat ta' serq b'numru ta' kwalifiki u taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qed ikun akkuzat li kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr ma saret dikjarazzjoni lill-Kummissjarju skond il-ligi.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Serq aggravat bil-persuna, bil-hin u bil-valur):**
Illi, fir-rigward tar-reat ta' serq, il-Qorti tinnota li fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 inghad is-segwenti:

"L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:

*"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro".*

(Ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi wkoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

*"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi jirrizulta li l-imputat ghamel xi zmien impjegat ma' Arkadia Shopping Complex li kienet rapprezentata f'dawn il-proceduri minn Shirley Grixti. Minkejja li l-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri, jirrizulta pruvat li effettivament l-imputat kien jiehu ghandu l-flus tal-bejgh tal-oggetti li kien ibiegh, liema bejgh ma kienx jigi ppancjat. Il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li effettivament l-imputat kien jisraq stante li mid-dar fejn joqghod l-imputat gew elevati kemm xi flus u kif ukoll xi oggetti ohra. Apparti minn dan, Shirley Grixti xehdet ukoll li ntlahaq ftehim mal-imputat dwar il-hlasijiet li kellu jaghmel biex irodd lura dak li huwa seraq. Dan ma giex kontradett mid-difiza. Anzi l-Qorti tinnota li fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 48) gie verbalizzat is-segwenti:

*"Dr. Georgine Schembri ghall-parti leza u Dr. Carmelo Galea ghall-imputat jiddikjaraw li l-ammont kollu li jsir riferenza ghalih fl-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat huwa dak ta' erbat'elef (4000) Euro".*

Minn qari taz-zewg stqarrijiet rilaxxati mill-imputat lill-Pulizija jirrizulta x'kien jaghmel l-imputat. Tenut kont tal-verbal tas-seduta tal-11 ta' Gunju 2014 imsemmi hawn fuq, il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li effettivament l-ammont misruq kien dak ta' erbat'elef Euro (€4000). Minkejja li fis-seduta tat-30 ta' April 2014 (*a fol.* 42), Shirley Grixti ddikjarat li l-ammont kollu li jsir riferenza ghalih fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gie mhallas lis-socjeta' rapprezentata minnha u minkejja li hija rrinunzjat ghal dak li hu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat, dawn huma proceduri *ex officio*. Ovvjament, il-Qorti ser tiehu dan kollu in konsiderazzjoni meta tigi biex tinfliggi l-piena fil-konfront tal-imputat.

Illi fir-rigward tal-kwalifiki tal-persuna, tal-hin u tal-valur, filwaqt li l-Qorti hija sodisfatta li s-serq sar mill-imputat li kien impjegat mas-socjeta' Arkadia u filwaqt li l-ammont misruq jeccedi mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), il-Qorti mhijiex sodisfatta li s-serq gara bejn inzul u tlugh ix-xemx. Ghaldaqstant, dan ifisser li filwaqt li l-kwalifiki tal-persuna u tal-valur gew sodisfacentement pruvati, mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward tal-kwalifika tal-hin.

B'hekk m'hemmx dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u dana bil-kwalifiki kollha msemmija ghajr ghal dak tal-hin.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**
**(Pussess ta' arma minghajr ma saret dikjarazzjoni lill-Kummissjarju skond il-ligi)**:
Illi fost l-affarijiet elevati mill-kamra tas-sodda tal-imputat, gew elevati *air pistol* u six *millimetre bullets*. WPC 193 Diane Cilia (*a fol.* 81) xehdet li fid-9 ta' Frar 2014 l-imputat ma kellu ebda licenzja u armi registrati fuq ismu. M'hemmx dubju ghalhekk li din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata bil-kwalifiki ndikati **ghajr** ghall-kwalifika tal-hin li ssir riferenza ghaliha fl-imputazzjoni msemmija. Giet pruvata wkoll it-tieni (2) imputazzjoni.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali (Dok. "BS 2" – *a fol.* 7) tal-imputat, li hija wahda kompletament nadifa, in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat, l-eta' tal-imputat meta kkommetta dawn ir-reati, il-fatt li sar il-hlas lura da parte tal-imputat lill-parti leza u kif ukoll il-fatt li gie rinunzjat dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li mentri fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ghandu jigi applikat Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li l-imputat jaghraf jimxi fit-triq it-tajba u jaghraf ma jergghax jirrepeti l-izball li huwa kkommetta, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni ghandha tigi nflitta l-piena ta' multa.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-kwalifika tal-hin taht l-ewwel (1) imputazzjoni u b'hekk tilliberah mill-imsemmija kwalifika, wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 17 ta' Dicembru 2014 u senjatament Artikoli 261(c), 261(d), 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 35(3) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Miguel Muscat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu (bil-kwalifiki kollha **ghajr** ghall-kwalifika tal-hin) u ssibu hati wkoll tat-tieni (2) imputazzjoni, u filwaqt li fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' mija u hamsin Euro (€150.00), fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u tal-kwalifiki li gew pruvati, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Miguel

Muscat taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' sentejn mil-lum, liema ordni hija soggetta ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reat li tieghu nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghtija b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal/i tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Miguel Muscat.

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska tal-*airsoft gun* u six *millimetre bullets* li gew ezebiti fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 24).

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**